**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (Franza) fit-22 ta' Ottubru 2013 — Les Laboratoires Servier SA vs Ministre des affaires sociales et de la santé, Ministre de l'Économie et des Finances**

**(Kawża C-691/13)**

(2014/C 85/28)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Conseil d'État

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Les Laboratoires Servier SA

*Konvenuti:* Ministre des affaires sociales et de la santé, Ministre de l'Économie et des Finances

**Domanda preliminari**

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/105/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, dwar it-trasparenza ta' miżuri li jirregolaw il-prezzijiet ta' prodotti mediċinali għall-użu tal-persuna u li jkunu parti mill-pjan ta' sistemi nazzjonali ta' assigurazzjoni tas-saħħa ([1]) jeżiġu l-motivazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' inklużjoni u ta' tiġdid ta' l-inklużjoni fil-lista tal-prodotti mediċinali li jagħtu d-dritt għar-rimbors mill-fondi ta' assigurazzjoni għall-mard li, billi jirrestrinġu fir-rigward tal-applikazzjoni ppreżentata l-indikazzjonijiet terapewtiċi li jagħtu d-dritt għar-rimbors, jew billi jissuġġettaw lil dan tal-aħħar għal kundizzjonijiet li jirrigwardaw, b'mod partikolari, il-kwalifiki tat-tobba li jiktbu r-riċetta, l-organizzazzjoni tal-kura jew is-segwitu tal-kundizzjoni tal-pazjenti, jew bi kwalunkwe mod ieħor, jagħtu d-dritt għar-rimbors mill-fondi ta' assigurazzjoni għall-mard biss lil xi wħud mill-pazjenti li jistgħu jibbenefikaw mill-prodott mediċinali jew biss f'ċerti ċirkustanzi?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 345.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Hamburg (il-Ġermanja) fis-7 ta' Jannar 2014 — Kernkraftwerke Lippe-Ems GmbH vs Hauptzollamt Osnabrück**

**(Kawża C-5/14)**

(2014/C 85/29)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Finanzgericht Hamburg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Kernkraftwerke Lippe-Ems GmbH

*Konvenut:* Hauptzollamt Osnabrück

**Domandi preliminari**

(1) It-tieni sentenza tal-Artikolu 267, moqrija flimkien mal-punt (b) tal-ewwel sentenza tiegħu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) tawtorizza lil qorti ta' Stat Membru tagħmel domandi, li jsirulha fir-rigward tal-legalità ta' liġi nazzjonali, marbuta mal-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, anki meta l-qorti nazzjonali jkollha mhux biss dubji dwar il-konformità tal-liġi mad-dritt tal-Unjoni, minn naħa, iżda tkun ukoll konvinta li l-liġi nazzjonali tmur kontra l-kostituzzjoni nazzjonali, min-naħa l-oħra, u li, għal din ir-raġuni, hija diġà adixxiet, fi proċedura parallela, il-Qorti Kostituzzjonali — li hija l-unika kompetenti, skont id-dritt nazzjonali, sabiex tiddeċiedi dwar il-inkostituzzjonalità tal-liġijiet — li d-deċiżjoni tagħha għadha madankollu mhux mogħtija?

Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda tingħata fl-affermattiv, il-Finanzgericht Hamburg titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta għad-domandi li ġejjin:

(2) Id-Direttivi 2008/118/KE ([1]) u 2003/96/KE ([2]), adottati sabiex jiġu armonizzati d-dazji tas-sisa u li jikkonċernaw il-prodotti tal-enerġija u tal-elettriku fil-kuntest tal-Unjoni, jipprekludu l-introduzzjoni ta' taxxa nazzjonali miġbura fuq il-kombustibbli nukleari użati għall-produzzjoni industrijali tal-elettriku? Dan jiddependi mill-possibbiltà prevedibbli li t-taxxa nazzjonali tiġi mgħoddija fuq il-konsumatur permezz tal-prezz tal-elettriku u, jekk ikun il-każ, x'għandu jinftiehem b'"mgħoddija"?

(3) Impriża tista' tikkontesta taxxa, miġbura minn Stat Membru, bl-għan li jiġi ġġenerat dħul, fuq l-użu ta' kombustibbli nukleari għall-produzzjoni industrijali tal-elettriku, billi tallega li l-ġbir ta' tali taxxa jikkostitwixxi għajnuna li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE?

Fil-każ li tingħta risposta fl-affermattiv għad-domandi preċedenti:

Il-liġi Ġermaniża dwar it-taxxa fuq il-kombustibbli nukleari li tapplika taxxa, bl-għan li jiġi ġġenerat dħul, biss fuq l-impriżi li jipproduċu elettriku fuq livell industrijali billi jużaw kombustibbli nukleari, tikkostitwixxi miżura ta' għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE? Liema huma ċ-ċirkustanzi rilevanti sabiex jiġi stabbilit jekk impriżi oħra, li ma humiex suġġetti għal taxxa simili, jinsabu f'sitwazzjoni li hija fattwalment u ġuridikament komparabbli?

(4) Il-ġbir tat-taxxa Ġermaniża fuq il-kombustibbli nukleari jmur kontra d-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Trattat KEEA)?

(1) Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU 2009 L 9, p. 12).

(2) Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE, tas-27 ta' Ottubru 2003, li tirristruttura l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 405).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (Franza) fl-20 ta' Jannar 2014 — Union des syndicats de l'immobilier (UNIS) vs Ministre du travail, de l'emploi, de la formation professionnelle et du dialogue social, Syndicat national des résidences de tourisme (SNRT) et**

**(Kawża C-25/14)**

(2014/C 85/30)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Conseil d'État

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Union des syndicats de l'immobilier (UNIS)

*Konvenuti:* Ministre du travail, de l'emploi, de la formation professionnelle et du dialogue social, Syndicat national des résidences de tourime (SNRT) *et*

**Domanda preliminari**

L-osservanza tal-obbligu ta' trasparenza li jirriżulta mill-Artikolu 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea hija kundizzjoni minn qabel obbligatorja għall-estensjoni, minn Stat Membru, fil-konfront tal-impriżi kollha ta' fergħa, ta' ftehim kollettiv li jagħti lil operatur uniku, magħżul mill-imsieħba soċjali, il-ġestjoni ta' sistema ta' previdenza kumplementari obbligatorja stabbilita favur l-impjegati?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (Franza) fl-20 ta' Jannar 2014 — Beaudout Père et Fils SARL vs Ministre du travail, de l'emploi, de la formation professionnelle et du dialogue social, Confédération nationale de la boulangerie et boulangerie-pâtisserie française, Fédération Générale Agroalimentaire — CFDT et**

**(Kawża C-26/14)**

(2014/C 85/31)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Conseil d'État

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Beaudout Père et Fils SARL

*Konvenuti:* Ministre du travail, de l'emploi, de la formation professionnelle et du dialogue social, Confédération nationale de la boulangerie et boulangerie-pâtisserie française, Fédération Générale Agroalimentaire — CFDT *et*

**Domanda preliminari**

L-osservanza tal-obbligu ta' trasparenza li jirriżulta mill-Artikolu 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea hija kundizzjoni minn qabel obbligatorja għall-estensjoni, minn Stat Membru, fil-konfront tal-impriżi kollha ta' fergħa, ta' ftehim kollettiv li jagħti lil operatur uniku, magħżul mill-imsieħba soċjali, il-ġestjoni ta' sistema ta' previdenza kumplementari obbligatorja stabbilita favur l-impjegati?

**Rikors ippreżentat fil-21 ta' Jannar 2014 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Polonja**

**(Kawża C-29/14)**

(2014/C 85/32)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Gheorghiu u M. Owsiany-Hornung)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Polonja

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tiddikjara li r-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 31 tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/23/KE, tal-31 ta' Marzu 2004, dwar l-iffissar ta' standards ta' kwalità u sigurezza għad-donazzjoni, ksib, ittestjar, proċessar, priservazzjoni, ħażna